# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2790

**Kaz Nru. 3701/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Silvio Borg (ID No 222775 (M)**

**u**

**Aviation Cosmetics Malta Ltd (C 56228)**
**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Silvio Borg li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2018. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit mis-Sur Sandro Vella Segretarju tal-General Workers Union u mill-Avv. Abigial Critien u ghas-socjeta appellata deher is-Sur Tom Jasen li kien assistit mill-Avv. Michael Tanti-Dougall.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li hu kien impjegat bhala painter mit-18 ta' Awwissu, 2016 u f'Marzu, 2017 kien gie moghti promozzjoni ghal-grad ta' shift leader.**

**Huwa jghid ukoll, li sakemm gie terminat l-impieg tieghu kellu assessment tajjeb tax-xoghol li kien qed iwettaq mas-socjeta appellata u dan kif jindika mill-assessment ipprezentat ma l-istqarrija tal-kaz tieghu datat 6 ta' Lulju, 2018.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li wara l-assessment kien gie offrut mill-management biex jiehu l-inkarigu ta' Training Co-ordinator izda huwa jghid, li ma kienx interessat li jiehu din il-karigi u kien minn hemm li r-relazzjonijiet tax-xoghol li kellu mas-superjur tieghu Daron Blythe bdew sejrin hazin.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li l-impjieg tieghu gie terminat permezz ta' ittra datata 22 ta' Awwissu, 2018 u f'din l-ittra l-management ghamel allegazzjonijiet fil-konfront tieghu li dwarhom huwa qatt ma kien semgha bihom tant, li qatt ma gie moghti warnings dwar dawn l-allegazzjonijiet.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li huwa ma accettax t-tkeccija mill-impjieg u wiegeb lill management permezz ta' ittra datata 27 ta' Awwissu, 2018 izda s-socjeta xorta wahda tterminat l-impieg tieghu.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet ingusta.**

**Is-socjeta ntimata fl'istqarrija tal-kaz taghha qalet, li kienet impjegat lir-rikorrenti fuq kuntratt indefenit fil-grad ta' painter u beda x-xoghol mal-kunpanija fl'1 ta' Novembru, 2016. Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti kien haddiem tajjeb u l-kumpanija kienet sodisfatta bix-xoghol tieghu kif jidher mill-assessment datat 6 ta' Lulju, 2018 u li dan l-assessment isir kull sena.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li wara sena u nofs li r-rikorrenti kien ilu fl'impjieg huwa gie promoss ghal grad ta' shift leader pero huwa xorta kellu jkompli jghaqdi d-doveri tieghu bhala painter. Is-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti bbenefika minn zieda monetarja fis-salarju tieghu u dan peress li kienu zdiedu r-responsabilitajiet fix-xoghol tieghu li bazikament kienu li jahdem u jmexxi lill haddiema shabu u liema xoghol kien jinvolvi li jqaxxru z-zebgha minn fuq l-ajruplani u wara dan il-process jergaw jizbghaw l-ajruplani.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li hu necessarju u mportanti li dan ix-xoghol fuq l-ajruplan jsir fl'iqsar zmien possibbli biex is-sidien ta' l-ajruplan ma jitilfux negozju.**

**Is-socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, li kienet qed tistenna mir-rikorrenti li wara l-promozzjoni li nghata huwa kien se jibqa jghati x-xoghol tajjeb kif kien jghamel qabel pero, kif ma kienx mistenni l-imgieba tieghu nbidlet drastikament ghal wahda negattiva u dan sar fi ftit gimghat wara li kien sar l-assessment tieghu li jgieb id-data tas-6 ta' Lulju, 2018.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tikwalifika l-bidla drastika fl'imgieba tar-rikorrenti fejn tghid :-**

a) **Ghalkemm huwa wera l-herqa u accetta l-promozzjoni ta' shift leader pero irrizulta li ma kellux l-abilta li jokkupa din il-kariga u l-attegjament tieghu lejn il-haddiema li kien imexxi kien wiehed ta' bullying.**
b) **Huwa beda jirrifjuta li jghamel ix-xoghol li kien jghamel qabel bhala painter u dan ghar-raguni li hu ppretenda li fil-waqt li jsegwi r-responsabilitajiet ta' shift leader huwa beda jabdika milli jwettaq ir-responsabilitajiet ta' painter.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li l-attegjament ta' insubbordinazzjoni tar-rikorrenti jista jigi verifikat mill-ufficjali tal-kumpanija fosthom minn**

**Daron Blythe u dan l-attegjament tar-rikorrenti ma kienx accettabbli ghal kumpanija.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li ma setghatx tifhem din l-bidla drastika fl'attitudni tar-rikorrenti u hasbet li dan setgha kien b'rizultat li r-rikorrenti ma kienx kuntent b'certu ratings li gie moghti fl'assessment tieghu.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li b'rizultat ta' din l-attitudni tar-rikorrenti c-cirkostanzi kienu jesigu li l-kumpanija appuntat shift leader iehor li wera li kien kapaci jghaqdi d-doveri ta' shift leader. Il-kumpanija tghid ukoll, li nsegwitu ta' dan l-izvolgiment ir-rikorrenti hassu li x-shift leader li kien ghadu kemm gie appuntant kien se jkun f'kompetizzjoni diretta mieghu tant li kkonfrontah fil-parking area tal-kumpanija.**

**Il-kumpanija tghid ukoll, li minkejja li fi ftit gimghat kien hemm bidla drastika fl'attitudni tar-rikorrenti minn wahda pozittiva ghal dik negattiva xorta wahda ddecidied li tghati cans iehor lir-rikorrenti permezz li gie kkrejat post ta' Training Co-ordinator. Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti nghata dan il-post il-gdid li kellu bl'istess salarju imma eventwalment huwa ma harreg lill hadd mill-haddiema.**

**Fl'istqarrija taghha l-kumpanija tghid ukoll, li nnutat li r-rikorrenti ma kienx kapaci li jwettaq id-doveri ta' shift leader, ma dan huwa kien jagixxi b'modd li jghamel bullying fil-konfront tal-haddiema shabu kif ukoll li kien jirrifjuta li jsegwi ordnijiet tal-management inkluz li jwettaq ix-xoghol ta' painter.**

**Is-Socjeta tkompli tghid, li huwa kien ukoll insubbordinanti u din l-attitudni ma kienitx accettabbli ghal kumpanija. Il-kumpanija zzid tghid, li kuntrarju ghal dak li jghid ir-rikorrenti li qatt ma gie mwissi, huwa gie imwissi bi twissijiet verbali ghal aktar minn darba.**

**Il-kumpanija tghid ukoll li kienet pacenzjuza mar-rikorrenti tant, li anke gie kkrejat post tax-xoghol specifikament ghalih dak ta' Training Co-ordinator, imma r-rikorrenti naqas li japprezza dak li ppruvat tghamel il-kumpanija u ppersissta bl'insubbordinazzjoni tieghu b'modd apert li b'rizultat ta' dan beda jaffettwa b'modd negattiv lill haddiema tal-kumpanija.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li l-ittra li harget il-kumpanija fil-konfront tieghu datata 22 ta' Awwissu, 2018 tispjega l-imgieba u l-attitudni negattiva tieghu fuq il-post tax-xoghol. Ghaldaqstant, id-decizjoni tal-kumpanija li tittermina l-impjieg tieghu kienet bbazata ghal raguni tajba u sufficenti.**

**Il-kumpanija tghid ukoll, li b'dispjacir kellha tittermina l-impjieg tar-rikorrenti u dan ma kienx facli li tghamlu peress li mhux facli li ssib haddiema u aktar minn hekk ma kienitx facli li tittermina impjieg ta' haddiem li kien imharreg u t-tahrig jiswa hafna spejjez lill kumpanija.**

**Il-kumpanija tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li f'cirkostanzi fejn ir-rikorrenti li kellu kazijiet ta' insubbordinazzjoni kif diga gie spjegat fid-dokumenti li l-kumpanija pprezentat ma kellix ghazla ohra ghajr li tittermina l-impjieg tieghu fuq bazi dixxiplinarji. Hija tghid ukoll, li minkejja li r-rikorrenti rrifjuta li jiffirma d-dokument tal-Job Plus hija xorta hallset dak kollu li kien dovut lilhu sa' 30 ta' Settembru, 2018.**

**Il-kumpanija tghid ukoll, li fil-waqt li ssostni li t-terminat l-impjieg tar-rikorrenti ghal ragunijiet gustifikati, m'ghanda thallas l-ebda kumpens kif qed jippretendi li jinghata r-rikorrenti, kif ukoll hija tirriserva d-dritt li tista tfittex lir-rikorrenti ghad-danni ghaliex affettwa r-reputazzjoni tal-kumpanija mal-klijenti taghha.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti gie mpjegat mas-socjeta appellata permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat 24 ta' Awwissu, 2016 fil-grad ta' painter u skond il-kuntratt kellu jibda l-impjieg b'effett mill-1 ta' Novembru, 2016.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li aktar tard huwa gie promoss fil-grad ta' shift leader fejn kellu l-kundizzjoni li ma' din il-funzjoni tax-xoghol huwa kellu wkoll jibqa jesegwixxi x-xoghol ta' painter.**

**Mill-provi jirrizulta li skond il-management, peress li kien hemm problemi ghal modd kif ir-rikorrenti kien qed iwettaq id-dmirijiet tieghu huwa gie mnehhi mill-grad ta' shift leader u gie assenjat xoghol ta' Training Co-ordinator fejn baqa jgwadi l-istess salarju.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret permezz ta' ittra datata 22 ta' Awwissu, 2018 li giet iffirmata mis-sur Martin Thijssen li jokkupa l-grad ta' Technical Director. L-ittra tat-terminazzjoni kienet tghid:- " In view of your behaviour and attitude at work, we regretfully have to terminate your employment with immediate effect.**

**As stated in your contract, the company entrusted you with a position of Aircraft Painter last November 2016 and later on you were promoted to Supervisor. Despite that during the last year the company trained you, it was noted that it was difficult for you to reach the company's expectations, therefore the company decided that your responsabilities would be that as Lead Traning Coordinator. Unfortunately in your new role your targets where not reached again.**

**During your term of employment with the company it was also noted the lack of communication you had with your superiors. Furthermore your attitude towards the customers and colleagues was unacceptable to the company. Therefore the company has reached to a conclusion that regretfully we cannot delegate you any job responsability.**

**Kindly note that even tghough your job has been terminated today, the company shall be paying you till the 30th September, 2018 so that you can have enough time to find alternative employment. With your last salary, you are going to receive any statutory bonuses that are due".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti wiegeb lill kumpanija permezz ta' ittra datata 27 ta' Awwissu, 2018 fejn huwa ma accettax it-tkeccija tieghu mill-impjieg. Fl'ittra tieghu huwa jghid, li ma jaqbilx li gie tterminat l-impjieg tieghu ghax ftit qabel li gie tterminat l-impieg tieghu l-management kien ghamillhu assessment tajjeb dwar ix-xoghol tieghu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li matul l-impieg tieghu huwa qatt ma nghata twissijiet la verbali u lanqas bil-miktub.**

**Fl'ittra tieghu huwa jirreferi wkoll ghal bidla li kellu fix-xoghol ghal Training Co-ordinator fejn jghid, li meta kellu laqgha mal-management huwa gie offrut din il-pozizzjoni bhala promozzjoni u jekk kienet promozzjoni dan ghaliex il-management kien sodisfatt bil-performance**

**tieghu. Huwa jghid ukoll, li qatt ma kien accetta din il-hatra ta' Training Co-ordinator.**

**Fl'ittra tieghu huwa jkompli jghid, li kien lest bhala rieda tajba li jirrezenja jekk jinghata kumpens ta' sitt xhur salarju.**

**Matul il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2020 fejn jghid, li originarjament kien impjegat bhala painter u wara gie promoss ghal grad ta' shift leader. Huwa jghid ukoll, li aktar tard il-management ried jahtru bhala Training Co-ordinator u fix-xhieda tieghu jispjega "Irrifjutajt mhux jigifieri ma ridtx nahdem, ghedtlhu mhux interessat li naghmel din il-kariga".**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li qabel ma rrifjuta din il-kariga ir-relazzjonijiet ta' l-impieg kienu tajba u meta rrifjuta bdew jinbidlu ghal hazin ir-relazzjonijiet li kellu mal-manager Darren Baileu. Huwa jghid ukoll, li l-manager beda jghatih xoghol iebes u aktar tard nehhieh minn shift leader u lahhaq haddiem iehor minflokhu.**

**Huwa jghid ukoll, li baqa jahdem mal-kumpanija ghal madwar sena u tmien xhur u l-feedback li kien ikollu qabel ma gara l-kaz imsemmi kien**

**feedback li kien qed jghamel ix-xoghol tajjeb u matul l-impieg tieghu qatt ma gie mghoddi process ta' dixxiplina jew inghata xi twissija.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li minn mindu gie mkecci pprova jahdem fil-qasam ta' l-avjazzjoni fl'istess xoghol li kellu qabel, izda s'issa ma rnexxielux u kull ma hadem kienu tmien xhur mal-kumpanija Manoel Island Yacht Yard Limited.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti hadem mal-kumpanija Manoel Island Yacht Yard Limited mis-7 ta' Jannar, 2019 sal 26 ta' Awwissu, 2019. Wara huwa gie mpjegat mal-E&L Enterprises Ltd mis-26 ta' Awwissu, 2019 sa 29 ta' Awwissu, 2019.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret hesrem wara li kien attenda kors tal-fire u gie msejjah l-ufficcju fejn gie moghti ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg. Huwa jghid ukoll, li qalulhu biex jiffirma l-karta u fix-xhieda tieghu jghid "Imbghad hu riedni bhal speci nammetti, ghidtlu le le ghidtlu jiena mhux se nammetti". Huwa jghid ukoll "Li bhal speci min-naha tieghi, min-naha tieghi t-tort tieghi. Ma kienx hemm raguni valida fil-verita. Jiena ghandi forty four, ilni nahdem minn mindu kelli tminatax u qatt ma gejt imkecci minn post tax-xoghol u jekk dak kien ikollok xi tlett warnings biex ikeccik mhux xejn.**

**Ma kien hemm l-ebda tip ta' warning, jigifieri fil-fatt qatt ma gejt imressaq fuq xoghol u lanqas fuq xoghol hazin".**

**Huwa jghid ukoll "sal-gimgha l-ohra ergajt applikajt l-S.R. Technics, jigifieri forsi ma tafx kif nerga nidhol fl-avjazzjoni, imma mir-records qishom ghamluli, jien hekk qed inhossha ma nafx forsi, ghamluli reputazzjoni hazina anke l-Medavia".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghalkemm il-kumpanija tghid li amonit diversi drabi lir-rikorrenti b'modd verabli pero ma jirrizultax li dawn it-twissijiet gew registrati bil-miktub.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xhedet Isabelle Scicluna li kienet tokkupa l-kariga ta' Head HR and Administration u fix-xhieda taghha ta' 3 ta' Novembru, 2020 tghid li kienet giet mitluba mill-management biex timla l-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg u ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti. Hija tghid ukoll, li qalet lill management li dan ma setghax isir ghar-raguni li matul l-impieg tar-rikorrenti huwa qatt ma gie mwissi.**

**Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid, li l-management qallha sabiex timxi ma l-istruzzjonijiet li giet moghtija u ghaldaqstant segwit l-**

**ordnijiet li kellha u wara r-rikorrenti gie msejjah mill-management fil-Boardroom u gie nfurmat li l-impjieg tieghu kien qieghed jigi terminat. Hija tghid ukoll, li dawn l-istruzzjonijiet kienu gew moghtija lillha minn Martin Tyson li kien jokkupa l-kariga ta' Technical Director.**

**Isabelle Scicluna tghid ukoll, li tahseb li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ma kienitx rigward ix-xoghol tieghu ghax hu kien haddiem lejali, kien jahdem u kien ukoll biezel imma ghax kellu argument ma haddiem iehor. Hija tkompli tghid, li l-impjieg tieghu gie terminat mill-lejl ghan-nhar u dan kien il-modd kif il-management kien jagixxi.**

**Hija tghid ukoll, li kien hemm zmien meta l-haddiema riedu jissiehbu fil-Union u gew imsejjha individwalment fil-Boardroom minn Martin Tyson li kien Technical Director fejn hi kienet prezenti u qal lill kull haddiem li jekk ried jissieheb fil-Union hemm il-bieb warajk, halli c-cwievet u itlaq.**

**Wara li saret it-trattazzjoni finali, s-socjeta ntimata ntavolat rikors fit-30 ta' Settembru, 2021 ghan-nom ta' Tom Jasen fejn qalet li fis-seduta li nazmmet nhar il-Hamis 23 ta' Settembru, 2021 ic-Chairperson ta' direzzjoni lill-Avukat tas-socjeta ntimata sabiex jinforma lill-klijent tieghu b'dak li kien qieghed isehh waqt is-seduta, peress li ma jifhimx**

**bil-lingwa Maltija, wara s-seduta u dan biex ma jifxkilx lill-abbli avukat tar-rikorrenti fit-trattazzjoni finali taghha;**

**Ir-rikors jghid ukoll illi wara s-seduta hekk kif kien dirett, meta l-Avukat tas-socjeta ntimata kien qieghed jispjega lill klijent tieghu dak li kien sottomess, l-imsemmi klijent spicca rrabbjat ferm u cahad li xi hadd mill-kumpanija tieghu inkluz huwa, qatt impona fuq xi haddiem, inkluz fuq ir-rikorrenti li ma setghux jidhlu membri f'xi Trade Union.**

**Illi di fatti, din l-allegazzjoni lanqas biss kienet riferuta f'xi dokument li kien minnu pprezentat bhala bazi ghat-tkeccija tieghu;**

**Ir-rikors jghid ukoll, illi l-imsemmi klijent sahansitra spjega li dak li ntqal kienet gidba hoxna li ssemmghat minn Isabelle Scicluna li kienet responsabbli mid-Dipartiment tal-Finanzi tas-Socjeta Aviation Cosmetics Malta Ltd u mhux kif erronjament intqal li kienet responsabbli mill-Human Resources tal-imsemmija socjeta jew segretarja – li kif gie spjegat lil dan it-Tribunal, mitluba titlaq minn mal-kumpanija u ovvjament ma kienet xejn ferhana u dan kien rifless fix-xhieda taghha tant li fis-sottomissjonijiet tal-avukat tas-socjeta ddikjaraha bhala xhud mhux kredibbli u ostili li jfisser illi x-xhieda taghha m'ghandix tittiehed inkonsiderazzjoni minn dan it-Tribunal.**

**Ir-rikors jghid ukoll li ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex ikun hemm il-prolazzjoni immedjata tas-sentenza, jiskeda seduta wahda fi zmien qasir halli tkun indirizzata l-gidba hoxna pprepetwata fil-konfront tas-socjeta ntimata dwar dak allegat fil-konfront taghha u msemmija fis-sottomissjonijiet finali li saru ghan-nom tar-rikorrenti halli dan it-Tribunal ma jserrahx il-gudizzju tieghu fuq l-imsemmija gidba li allegatament wasslet ghall-tkeccija tar-rikorrenti u li kien imkecci principalment minhabba l-attitudni mhux spettanti tieghu.**

**Minn naha tar-rikorrenti ssottometta risposta ghar-rikors tas-socjeta ntimata permezz ta' l-Avv. Abigail Critien fejn ghamlet dawn il-punti:**

1. **Illi fl-ewwel lok l-esponenet m'huwiex jifhem ezatt xi trid is-socjeta' intimata bit-talba taghha li m'hija cara xejn. Is-socjeta intimata tallega li l-kwistjoni tal-membership tal-union hija gidba fil-waqt li l-esponent jinsissti li din hija l-verita' u kkorrabora dan anke bix-xhieda ta' Isabelle Scicluna. Fil-verita dak li jrid jaghmel it-Tribunal (bhal f'kull kaz iehor) issa jgharbel il-provi kollha mressqa mill-partijiet u jasal ghall-konkluzjoni u l-gudizzju tieghu dwar min ghandu jitwemmen u min le. Dan hu ezercizzju li kull Tribunal u Qorti taghmel meta tasal biex tiddeciedi l-mertu ta' xi kaz partikolari u ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem xi trid tfisser bit-talba taghha s-socjeta' ghaliex certament dan ma kienitx xi kwistjoni li qamet biss fl-istadju ta' trattazzjoni u ghalhekk iz-zewg**

**partijiet kienu konxji dwarha u kellhom kull opportunita' li jresssqu l-provi dwarha. Bir-rsipett kollu jinghad li jekk ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata li kien prezenti ghall-ahhar seduta ta' trattazzjoni sar jaf biss bl-allegazzjoni tal-membership tal-Union f'dan l-istadju finali tal-kawza allura dan zgur li m'huwiex xi mankanza da parti tal-istess Onorabbli Tribunal jew tal-esponent u konsegwentement m'hemm ebda raguni ghala s-sentenza m'ghadhiex tinghata kif previst.**

2. **Illi l-esponent umilment jissottometti li dan ir-rikors gie intavolat biss bil-ghan li l-proceduri odjerni jkompli jitwalu ghaliex is-socjeta' intimata f'dan l-istadju la tista' tressaq provi godda u lanqas tista' taghmel xi sottomissjonijiet ulterjuri. Bhal ma jigri hafna drabi, ir-rikorrent isosstni haga fil-waqt li s-socjeta intimata ssostni ohra u konsegwentement issa wasal iz-zmien li dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi fuq il-provi li tressqu;**

3. **Illi bl-akbar rispetto jinghad ukoll li donnu r-rikors odjern hu intiz ukoll sabiex is-socjeta' intimata terga taghmel xi forma ta' sottomissjonijiet ulterjuri jew li tissottolinja numru t'argument li fil-verita diga saru waqt it-trattazzjoni orali fl-ahhar seduta. Fir-rikors odjern m'hemm xejn gdid-m'hemm xejn li ma kienx diga migjub a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal waqt il-gbir tal-provi u fuq kollox m'hemm ebda ostakolu sabiex dan l-istess**

**Tribunal jghaddi ghas-sentenza finali kif wara kollox gie maqbul wara li saret it-trattazzjoni.**

**Fid-dawl ta' dak suespost u fid-dawl tat-talba ambigwa u vaga tal-istess socjeta intimata, l-esponent umilment jissottometti li dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talba tal-istess socjeta intimata u jghaddi ghas-sentenza kif maqbul fl-ahhar seduta.**

**It-Tribunal Industrijali appunta seduta fit-28 ta' Ottubru, 2021 u ghamilha cara minn qabel li t-trattazzjoni finali kienet diga saret u ma kienx il-kaz li se jergaw jitressqu xi provi jew sottomissjonijiet godda izda l-ghan ta' din is-seduta kien biex jigu ccarati xi punti.**

**Matul is-seduta Dr Michael Tanti-Dougall ghas-socjeta ntimata rrefera ghar-rikors u l-ghan li talab din is-seduta. Huwa sostna li l-management tas-socjeta ntimata qatt ma fixkel lill haddiema biex jissiehbu fil-Union. Huwa jghid ukoll li din l-allegazzjoni saret minn Isabelle Scicluna li m'ghadix tahdem mas-socjeta ntimata u ghamlet din l-allegazzjoni ghal skopijiet ulterjuri. Huwa sostna wkoll li bhalma diga kien iddikjara qed jerga jiddikjara li hi xhud ostili u x-xhieda taghha m'ghandix tittiehed inkonsiderazzjoni minn dan it-Tribunal Industrijali.**

**Minn naha ta' Dr Abigial Criten ghar-rikorrent qalet li l-fatti qeghdin fix-xhieda u t-Tribunal Industrijali ghandu jiehu nkonsiderazzjoni dak li gie ddikjarat fix-xhieda u matul il-provi.**

**Minn naha tat-Tribunal Industrijali ntqal li se jghamel apprezzament tax-xhieda u l-konkluzjonijiet tieghu se jkunu fid-Decizjoni finali.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-allegazzjoni li s-socjeta ntimata sejhet lill-haddiema ndividwalment fejn gew mhedda li jekk jissiehbu fil-Union kellhom ihallu c-cwievet u jitilqu l-barra mill-post tax-xoghol.**

**Rigward din l-allegazzjoni t-Tribunal Industrijali jirreferi l-kaz lid-Direttur Generali tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali sabiex tinvestiga din l-allegazzjoni.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li tghid is-socjeta ntimata li kemm il-darba wissiet verbalment lir-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota li kemm il-darba sahaq, li meta impjegat jigi mwissi verbalment dawn it-twissijiet ghandhom jigu registrati bil-**

**miktub u dan sabiex mhux biss ikun hemm konferma li dawn it-twissijiet gew mgohtija imma wkoll sabiex l-impjegat ikollu l-opportunita li jekk ihoss li ghandhu jikkontesta dawn it-twissijiet verbali jkollu l-opportunita li jghati l-verzjoni tieghu ghal dak l-incident li jkun sehh.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi ma jirrizultalux li dawn it-twissijiet verbali gew irregistrati bil-miktub u nvista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li kif jirrizulta mill-provi, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret meta huwa gie msejjah fil-Board room mill-management u gie moghti l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett jasal ghal konkluzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret b'modd hesrem u l-management iddecieda li r-rikorrenti kien hati minghajr qabel ma ghadda lir-rikorrenti process ta' dixxiplina, fejn ir-rikorrenti kien ikollu l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu u b'rizultat ta' dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li gie miksur il-principju fundamentali tal-gustizzja naturali tar-rikorrenti li gie misjub hati minghajr qabel ma gie moghti l-opportunita ghal smigh xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun naqas minn dmirijiethu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, is-sid ghandu jinforma lill-haddiem involut bil-miktub x'kienu n-nuqqassijiet tieghu u jghatih l-opportunita li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Ghaldaqstant, is-sid ghandu johrog att ta' akkuza (charge) fil-konfront tal-haddiem u jghatih data u hin ta' meta se jinstema l-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu. Il-haddiem ghandhu wkoll jinghata l-opportunita li jtella xhieda kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-kaz is-sid ma ta' l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu. Invista ta' kif agixxa l-management biex ittermina l-impieg tar-rikorrenti, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kienet ingusta u saret bi ksur tal-Ligi.**

**Invista li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u bi ksur tal-Ligi t-Tribunal Industrijali jezamina t-talba li ghamel ir-rikorrenti ghal kumpens.**

**Ir-rikorrenti pprezenta prospett finanzjarju ghal kumpens fejn qed jitlob dan il-hlas ghal diversi ragunijiet li bazikament huma ghal perjodu ta' tlett xhur u sitt ijiem li jammontaw €6399.99 li huwa z-zmien kemm kien ilu bla xoghol qabel ma beda jahdem ma' Manoel Island Yacht Yard Limited u ma E&L Enterprises Limited kif ukoll ghal perjodu iehor ta' sitt xhur wara li kien spicca mix-xoghol min ma dawn il-Kumpaniji.**

**Talba ohra li qed jghamel ir-rikorrenti hija d-diffeneza il-paga li kellu anqas mal-kumpaniji li hadem maghhom li tammonta ghal €700 fix-xahar ghal perjodu ta' seba xhur. Kif ukoll qed jghamel talba ohra fejn jghid li peress s-sengha tieghu hija specjalizzazzjoni ta' spraying fuq ajruplani, mhux facli jsib xoghol f'dan il-qasam peress li din l-industrija hija limitata u ghaldaqstant qed jippretendi wkoll li peress ma ghandux hjiel kemm se jdum ma jsib impjieg f'dan il-qasam ghandhu jinghata kumpens ta' sena salarju kif ukoll ta' danni morali ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.**

**Huwa jghid ukoll li invista ta' dan, meta jghodd l-ammont ta' flus li tilef u li qed jippretendi wasal ghal konkluzjoni li qed jitlob lit-Tribunal Industrijali li jigi moghti kumpens ta' €47,299.**

**Dwar dan l-aspett is-socjeta ntimata pprezentat nota fejn tghid, li r-rikorrenti pprezenta l-pretensjonijiet tieghu fejn qed jitlob li l-kumpenss ghal perjodi li ma kienx jahdem jew meta kien impjegat ma azjenda ohra kellu salarju anqas minn meta kien impjegat mas-socjeta ntimata. Hija tghid ukoll, li dawn it-talbiet m'ghandhomx jigu kkunsidrati ghar-raguni li jekk verament ir-rikorrenti ried jahdem setgha jsib xoghol alternattiv.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li hija kienet impjegat lir-rikorrenti bhala sprayer wara li huwa kien telaq mill-kumpanija SRT u s-socjeta ntimata wara saret taf li meta kien impjegat mal-kumpanija precidenti kellu ukoll diffikultajiet li tahdem mieghu**

**Is-socjeta tkompli tghid, li meta mpjegat lir-rikorrenti tghathu tahrig specjali fix-xoghol ta' spraying u waqt it-tahrig xorta wahda kien jinghata s-salarju kollu dovut lillhu.**

**Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti ma sabx impjieg alternattiv fl'industrija ta' l-avjazzjoni minhabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 u dan zgur mhux tort tas-socjeta. Invista ta' dan hija se tirriserva d-dritt li tghamel il-kontra ezamijiet necessarji lir-rikorrenti dwar il-pretensjonijiet finanzjarji tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta r-rikorrenti spicca mill-impjieg minn ma' SR Technic huwa gie moghti ittra ta' riferenza datata 2 ta' Jannar, 2017 fejn bazikament tghid li kien jahdem maghha bejn 9 ta' Dicembru, 2010 sal-31 ta' Dicembru, 2012. Hija tghid ukoll, li kien haddiem biezel, kellu passjoni ghax-xoghol u kellu personalita li kien imur tajjeb mal-haddiema.**

**F'din l-ittra l-SR Technic tghid ukoll li r-rikorrenti li hadem fuq diversi ajruplani u telaq mix-xoghol minn jheddu. Minn dik id-dikjarazzjoni jirrizulta wkoll, li meta spicca minn mal-Kumpanija SR Technics Malta Ltd. skond l-FS3 ta' 2016 huwa kellu paga ta' €273.41 fil-gimgha li jammontaw ghal €14,217.32 fis-sena.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar it-talba tar-rikorrenti ghal kumpens u l-ewwel aspett li jikkunsidra hija t-talba tar-rikorrenti li jigi kkumpensat ghal tlett xhur u sitt ijiem salarju sakemm sab impjieg alternattiv.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina din it-talba fl-ewwel aspett irid jizgura, li jkunu saru tentattivi serji biex jinstab xoghol alternattiv altrimenti jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li jikkumpensa awtomatikament ghaz-zmien li ma jkunx ghadu instab impjieg ikun qed**

**jinkoragixxi biex l-appellant ma jghamilx hilthu, jibqa passiv u ma jsir l-ebda attentat serju biex jinstab impjieg alternattiv.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi li deheru quddiemu jirrizultalu, li r-rikorrenti ghamel hilthu biex isib xoghol alternattiv u r-rizultat ta' dan kien li r-rikorrenti sab impjieg alternattiv f'perjodu ta' tlett xhur li fl'opinjoni tat-Tribunal Industrijali huwa perjodu ta' zmien ragonevoli.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali se jiehu nkonsiderazzjoni fid-Decizjoni tieghu din it-talba tar-rikorrenti pero se jiehu nkonsiderazzjoni wkoll it-talba li saret mir-rikorrenti hija gross.**

**It-tieni talba tar-rikorrenti hija li qed jippretendi li jigi moghti d-differenza fil-paga meta sab impjieg ma kumpaniji ohra. It-Tribunal Industrijali jirrimarka, li r-rikorrenti ghalkemm l-impjieg tieghu gie tterminat b'modd ingust pero, huwa qatt ma ta' xi forma ta' garanzija lis-socjeta ntimata li se jibqa fl'impjieg maghha u li jekk isib impjieg b'kundizzjonijiet tax-xoghol ahjar ma kienx se jitlaq mill-impjieg minn mas-socjeta ntimata. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali ma jilqghax it-talba tar-rikorrenti li jigi moghti dan il-kumpens.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, it-talba tar-rikorrenti li jinghata kumpens ta' sitt xhur paga wara li kien spicca minn mal-kumpaniji Manoel Island Yacht Yard Limited u E&L Enterprises Limited kif ukoll, kumpens iehor ta' sena paga ghar-raguni li kif jghid hu fix-xoghol tieghu li kien jahdem ma kienx facli li jsib impjieg peress il-limitazzjonijiet ta' din l-industrija.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina din it-talba jirrizulta, li r-rikorrenti qed jitlob dan il-kumpens wara li diga kien impjegat ma zewg kumpaniji ohra u t-Tribunal Industrijali jinnota li ghalkemm fil-kaz tal-kumpanija Manoel Island Yacht Yard Limited jirrizulta li r-rikorrenti spicca minn ma din il-kumpanija ghax kellu kuntratt defenit pero ma giet moghtija l-ebda spjegazzjoni ghal liema raguni huwa spicca minn ma E&L Enterpersises Limited.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, li jista jghati l-kaz li forsi x-xoghol li kien qed jghamel ir-rikorrenti ma dawn iz-zewg kumpaniji kien differenti minn dak li kien jghamel mas-socjeta ntimata pero, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li fid-dinja kompetittiva tal-lum, fejn it-teknologija u s-sistemi tax-xoghol jinbidlu lanqas s-socjeta ntimata m'ghanda garanzija li se tkompli topera bl'istess mezzi tal-produzzjoni tal-llum jew bl'istess numru ta' haddiema li qed thaddem illum ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li wiehed mhux biss ghandhu jkun flessibbli fix-xoghol tieghu u**

**jiehu nteress li jiehu t-tahrig mehtieg izda wkoll li wiehed ghandhu jaddatta ruhu skond ic-cirkostanzi tax-xoghol.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali meta jerga jiehu nkonsiderazzjoni dak li diga rrefera ghalih fit-talba precidenti li ghamel ir-rikorrenti fejn huwa qatt ma ta' xi forma ta' garanzija li anke jekk isib impjieg ahjar huwa xorta kien se jibqa fl'impjieg mas-socjeta ntimata dan it-Tribunal Industrijali ma jilqghax it-talba tar-rikorrenti li jigi moghti dan il-kumpens.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, jikkunsidra wkoll li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'modd ingust u ghaldaqstant l-appellant ghandhu jkun intitolat ghal kumpens kif ukoll, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll iz-zmien ta' tlett xhur u sitt ijiem li r-rikorrenti kien ghadu bla mpjieg sakemm sab impieg alternattiv, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li r-rikorrenti ghandhu jithallas kumpens ta' €14,600 (erbatx il-elf u sitt mitt ewro) liema kumpens ghandu jithallas minghand Aviation Cosmetics Malta Limited (C 56228) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 9 ta' Dicembru, 2021**